MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NATASHA GALEA SCIBERRAS**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2013

Numru. 110/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Charmaine Fenech**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata Charmaine Fenech, bint Joseph u Rita nee' Valletta, imwielda Pieta fis-26 ta' Lulju 1991 u residenti gewwa 1, Cova Da Iria, Triq il-Bard, Qormi u detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 378691M;

Akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 t'Ottubru 2009 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

1. Kellha fil-pussess taghha ir-raza mehudha mil-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala

bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputata irregistrat ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputata wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatha bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietilha zmien bizzejjed biex terga' tikkonsidra t-twegiba u terga' lura minnha;

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmula mill-imputata, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-istess imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputata, il-fedina penali aggornata taghha li hi wahda netta, il-fatt li qed tistudja u ghandha hajja stabbli.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legizlazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal- Artikolu 22 tal-Kapitolu

446 tal-Ligijiet ta’ Malta qed tilliberaha bil-kondizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ liberazzjoni kondizzjonata.

Stante li ma gewx nominati esperti f’din il-kawza, il-Qorti qeghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghal-hlas tal-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------